31989R3528

28.11.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 347/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3528/89
tat-23 ta' Novembru 1989
li jemenda Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar il-Tariffa Komuni Doganali

IL KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 43 u 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi, fid-dawl tad-deċiżjoni riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-għan tal-Artikolu 28 u 113 tat-Trattat, jidher illi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 [2] ġie addottat fuq bażi legali żbaljata billi l-Kunsill żied mal-bażi legali proposta mill-Kummissjoni, jiġifieri l-Artikoli 28, 43 u 113 tat-Trattat, l-Artikolu 235 tat-Trattat, li jittratta dwar proċedura differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet; billi l-Kummissjoni konsegwentement irriferit il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja għal proċediment għall-annullament tal-istess Regolament;

Billi, sabiex il-Kummissjoni tkun tistgħa tirtira l-azzjoni tagħha u sabiex tipprevjeni illi l-att in kwistjoni jiġi dikjarat null, ir-riferenza magħmula lill-Artikolu 235 tat-Trattat bħala bażi legali għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandha tiġi mħassra,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ewwel frasi ċitata fir- Regolament (KEE) Nru 2658/87 qed jiġi minnufih sostitwit bis-segwenti:

"Wara li kkunsidra it-Trattat li jistyabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mogħod partikolari l-Artikoli 28, 43 u 113 tiegħu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ fl-istess jum illi huwa jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika mill-10 Settembru 1987.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 Novembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

E. CRESSON

---

[1] Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Ottubru 1989 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).

[2] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.